IL-BIRGU

Città Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 42

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa ta' waranofsinhar (5:00pm) nhar **l-Erbgħa 24 ta' Novembru 2021**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**N.B. Il-laqgħa bdiet għal ħabta tas-6:00pm peress li ma kinex hemm quorum biex tinbeda l-laqgħa.**

## 42.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija

42.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi talab biex ikun skużat u qal li se jittardja ftit minħabba raġunijiet ta' xogħol. Apoloġija approvata.

42.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Jason Portelli talab biex ikun skużat u qal li se jittardja peress li kien mistieden jattendi għal ċerimonja tal-gradwazzjoni. Apoloġija approvata.

## 42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

42.2.1 B'referenza għal punt 41.3.9, is-Sindku qal li s-Sinjura Zineb Chakir mill-Assoċjazzjoni CoPaM aċċettat it-talba biex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jħallas kontribuzzjoni ta' €500 (ħames mitt Ewro) flok €2000 (elfejn Ewro) peress li l-Birgu għandu popolazzjoni żgħira.

42.2.2 B'referenza għal punt 41.3.11, is-Sindku ta' ħarsa dwar il-mawra u ż-żjara li kellu huwa flimkien mal-kunsilliera, l-Arċipriet u l-Pirjol mal-Q.T. Papa Franġisku. Semma wkoll li waslet kritika minn diversi persuni dwar din iż-żjara minħabba infieq ta' flus. Is-Sindku għamilha ċara li bħalma jixhdu ankè l-kunsilliera li attendew, din iż-żjara ma nħarġux flus mill-kunsill iżda kulħadd kellu jkun responsabbli tal-ispejjeż tiegħu.

42.2.3 Wara dawn il-punti, Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 41 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

## 42.3 Korrispondenza

42.3.1 Peress li kien hemm punti importanti fl-Aġenda, is-Sindku talab biex il-korrispondenza tinqara fil-laqgħa li jmiss sabiex ngħaddu għall-punti l-oħra. Il-kunsilliera preżenti qablu.

**42.4 Approvazzjoni tal-Membri – Fondazzjoni Belt Kapitali Ewropea 2031**

42.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni l-ismijiet tal-membri biex tkun iffurmata l-Fondazzjoni Belt Kapitali Ewropea 2031. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament mal-lista li ġiet imressqa.

**N.B. 18:30pm Il-kunsillier is-Sur Trevor Mizzi daħal għal-laqgħa.**

**42.5 Impjieg ta' ħaddiema *full-time* skala 20 mal-kunsill**

42.5.1 Is-Sindku ressaq il-proposta biex jiġu impjegati mal-kunsill żewġ ħaddiema full-time fuq l-iskala 20. Dawn il-ħaddiema jkunu l-kenniesa tal-kunsill u b'hekk il-kuntrattur preżenti, ma jkollux għalfejn jibgħat kenniesa. Is-Sindku qal li permezz t'hekk, il-kunsill ikun qed jiffranka l-flus u b'dawk il-flus frankati, aktar 'il quddiem tkun tista' tinxtara magna għat-tindif tat-toroq. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament ma' din il-proposta.

42.5.2 B'relazzjoni ma' dan il-punt tal-Aġenda, is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza mibgħuta mid-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard fejn qed jikkomunika lis-Sindku li hu ma jsib ebda oġġezzjoni sabiex toħroġ din is-sejħa.

**N.B. 19:00 Il-Kunsillier is-Sur Jason Portelli daħal għal-laqgħa.**

**42.6 Milied 2021**

42.6.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Michelle Scerri dwar l-iskema SPI/SCI/6/2021 Finanzjament Milied 2021 fejn ġiet approvata l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Il-kunsill se jkun qed jibbenefika mis-somma ta' €22,411.43 (tnejn u għoxrin elf, erba' mija u ħdax u tlieta u erbgħin ċenteżmu) sabiex issir din l-attività. Is-Sindku qal li matul din il-laqgħa għandu jiġi deċiż x'se jsir u ma jsirx mill-attività tal-Birgu by Christmas Lights. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tas-Sindku u l-Kunsilliera li uħud minn dawk li se jieħdu sehem qed jistaqsu x'se jiġri mill-attività filwaqt li l-baned jixtiequ konferma minħabba l-bandisti.

42.6.2 Il-Viċi-Sindku qal li minħabba r-restrizzjonijiet li hemm bħalissa rigward il-pandemija, ħafna mill-attivitajiet ma jistgħux isiru filwaqt li l-baned iridu jkunu statiċi u mhux jimxu għaliex b'hekk ma jingħatawx permessi.

42.6.3 Wara diskussjoni fuq din l-attività, ġie deċiż li jibqgħu biss l-attivitajiet fil-knejjes, filwaqt li l-attivitajiet ta' barra jitħassru u jibqgħu biss il-mużiċisti fid-djar tan-nies sabiex tinħoloq atmosfera għall-pubbliku li jiġi l-Birgu.

42.6.4 Is-Sindku ressaq proposta biex mat-toroq tal-Birgu ssir sistema amplifikata tas-sound biex tindaqq mużika tal-Milied fil-jiem tal-Milied. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.
42.6.5 Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu wkoll li s-Suq tal-Artiġġjanat jitħassar ukoll.

**42.7 Proposta għall-bini tat-Torri tal-Arloġġ**

42.7.1 Is-Sindku qal li din il-proposta għandha tiġi diskussa kif suppost fil-laqgħa li jmiss.

**42.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

42.8.1 Fil-preżenza tal-kunsilliera kollha, is-Sindku qal li b'dispjaċir iħoss li dan huwa l-għar kunsill li qatt kellu l-Birgu dan minħabba nuqqas ta' interess mill-kunsilliera fix-xogħol li jirrikjedi kunsill. Is-Sindku rrimarka li jekk is-sitwazzjoni ma kinetx se titjieb, huwa ma kellux triq oħra ħlief li jinforma lill-amministrazzjoni tal-partit.

42.8.2 Is-Sindku rrimarka wkoll li nuqqas ta' attendenza għal laqgħat tal-kunsill, turi diżrispett lejn ix-xogħol li qed isir u fuq kollox diżrispett lejn ir-residenti tal-Birgu li eleġġewhom fil-kunsill. Is-Sindku qal li kulħadd għandu jkun responsabbli għall-kariga li ngħata mill-elettorat. Is-Sindku qal li tal-inqas, kulħadd għandu jaghmel mezz u jżomm il-ġurnata libera meta tissejjaħ laqgħa tal-kunsill. Intant is-Sindku qal li ma' tmiem il-laqgħa, għandha tiġi deċiża d-data tal-laqgħa li jmiss biex kulħadd jara ikunx jista' jattendi.

**42.9 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 33** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 6156** sa **BOV 6190** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvawha b'mod unanimu.

**42.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sebgħa u nofs ta` filghaxija (7:30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir il-Ħamis 9 ta` Diċembru 2021 fil-ħamsa ta` filgħaxija (5:00pm).

Konfermati llum: **9 ta' Diċembru 2021.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| | |
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |